# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Dicembru 2017**

**Numru 1**

**Citazzjoni numru 844/04 FS**

**Giovanna Vassallo u b'digriet tat-12 ta' Gunju, 2009 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Joseph Vassallo; Rose Vassallo ghan-nom u in rapprezentanza ta' John Vassallo u b'digriet tal-11 ta' Marzu, 2011 l-atti gew legittimati f'isem Rose Vassallo; Filippa Gatt; Carmelo Schembri; Paola Schembri ghan-nom u in rapprezentanza ta' Alfred Schembri u b'digriet tal-11 ta' Marzu, 2011 l-atti gew legittimati f'isem Pauline Schembri, Mario Schembri, Patrick Schembri, Suor Paola fis-seklu Dorianne Schembri u Nicolai Schembri; Lynda May Chahda, Karyn Vella, Ronnie Schembri u Philip Schembri; Nikolina Aquilina; Carmelo Schembri; Maria Vassallo f'isimha proprio u f'isem Nikolina Bonnici; Daniel Vassallo, Michael Vassallo, Joseph Vassallo; John Vassallo; Josephine Cordina; Giulia Dimech; Agnes Mifsud; Dolores Azzopardi; Carmel Vassallo; Dottor Nicholas Vassallo f'ismu proprju u f'isem Suor Stefania Vassallo fis-seklu Rosaria Vassallo; Maria Consolata Camilleri; Calcedonia Vassallo; Girolamo Vassallo; Maria Nikolina Vassallo, stante l-mewt tal-attrici Giovanna Vassallo**

**v.**

**Joseph u Maria Lourdes konjugi Sciberras u b'digriet tat-13 Novembru 2009 l-atti gew trasfuzi f'isem Nicholas, Antoinette, u Maria ahwa Sciberras (stante l-mewt tal-istess Joseph Sciberras)**

Preliminari

1. Dan hu provvediment moghti fuq rikorsipprezentat mill-konvenuti appellanti fil-mori tal-appell, u precizament fl-1 ta' Frar 2017, li permezz tieghu l-konvenuti ghamlu referenza ghan-nota ta' cessjoni minnhom ipprezentata fl-20 ta' Jannar 2017 u filwaqt li "*jirrinunzjaw ghal u jirtiraw*" l-imsemmija nota taghhom talbu illi "*il-proceduri effettivament jitkomplew*".

2. B'verbal registrat fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2017 din il-Qorti ordnat illi r-rikors tal-konvenuti tal-1 ta' Frar 2017 jigi notifikat lill-appellati u awtorizzathom jipprezentaw risposta bil-visto tal-kontro parti fi zmien xahar min-notifika, u ordnat li ssir trattazzjoni fuq in-nota u r-rikors tal-konvenuti.

3. Illi l-atturi appellati baqghu ma pprezentaw ebda risposta ghall-imsemmi rikors tal-1 ta' Frar 2017 u fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2017 u l-appell gie differit ghal-lum ghall-provvediment.

Mertu

4. Illi b'digriet datat 30 ta' Novembru 2016 is-smiegh tal-appell tal-konvenut gie ffissat ghal nhar l-14 ta' Frar 2017. Jidher li meta l-konvenuti saru jafu bl-entita` tal-kawtela ghall-ispejjez tal-kawza li kellha tigi depozitata qabel is-smiegh tal-appell taghhom, huma pprezentaw nota ta' cessjoni[1] fir-registru ta' din il-Qorti, liema nota testwalment tghid hekk:-

> "*Nota ta' Maria Lourdes Sciberras, Nicholas Sciberras, Antoinette u Nutar Maria Bonavia, li biha qeghdin icedu l-atti tal-appell, u dan ghal ragunijiet purament finanzjarji*".

5. Ghall-prezentata ta' din in-nota fir-registru, dehru personalment u ffirmaw Maria Bonavia, Maria Lourdes Sciberras, Nicholas Sciberras u Maria-Antoinette Borg.

6. L-Artikolu tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jiddisponi hekk fir-rigward tar-rinunzja tal-atti u l-effett taghha:-

> "906(1). "Kull parti tista', b'nota iffirmata minnha jew mill-avukat taghha, f'kull waqt tal-kawza sas-sentenza definittiva, tirrinzunja ghall-atti li hija tkun ipprezentat."
>
> "907(1). "Ir-rinunzja ggib l-istess effetti tad-dezerzjoni."
>
> "(2). "Il-parti li tirrinzunja ghal-atti ghandha thallas l-ispejjez tal-kawza u hija ma tistax tibda kawza ohra ghall-istess haga, qabel ma tkun fil-fatt hallset dawk l-ispejjez lill-parti l-ohra."

[1] Fol. 370

> “909. “Meta l-parti li tirrinuznja ghall-atti tkun trid taghmel kawza mill-gdid ghall-istess haga, kull dokument jew prova ohra migjuba fl-atti ta’ qabel, jigi, fuq talba taghha, imdahhal fl-atti tal-kawza l-gdida; u meta l-kawza l-gdid titressaq, jew tkun giet imressqa, quddiem qorti ohra, kull wiehed minn dawk id-dokument jew provi ohra, fuq talba li ssir ghaldaqshekk b’rikors, ghandu jigi mibghut lil dik il-qorti l-ohra.”
>
> “910. “Meta zewg persuni jew izjed li jkollhom l-istess interess ikunu ghamlu appell minn sentenza, u xi whud minnhom jirrinunzjaw ghall-appell taghhom, il-partijiet li jissoktaw l-appell ma jistghux jitolbu li l-ishma ta’ dawk li jkunu rrinzunzjaw ghall-appell jigu, f’dik il-kawza, moghtija lilhom b’zieda mas-sehem taghhom kif ikunu talbuh fil-bidu”.

7. Dwar l-effetti tad-dezerzjoni, u kwindi wkoll tac-cessjoni, huwa relevanti l-Artikolu 963(6), li jipprovdi illi:-

> “Bid-dezerzjoni ta’ kawza fil-qorti tal-ewwel grad il-procediment jispicca izda ma jispiccax il-jedd ghall-azzjoni. Fil-qorti fi grad ta’ appell, bid-dezerzjoni jispicca l-appell u s-sentenza appellata ssir gudikat”.

8. Id-dicitura tad-dispozizzjoni relevanti tal-kodici fuq citata ma tantx thalli lok ghal ekwivoci dwar l-effett tal-prezentata ta’ nota li biha parti ccedi jew tirrinunzja ghall-atti ta’ kawza jew, f’dan il-kaz, ghall-appell li tkun ghamlet. Ic-cessjoni ggib maghha l-estensjoni ossia l-abbandun ta’ dak il-procediment li jkun pendenti b’mod li, biex l-attur li jkun ceda l-atti ta’ kawza quddiem il-qorti tal-ewwel grad jista’ jerga’ jaghmel kawza ghall-istess haga jrid l-ewwel ihallas l-ispejjez tal-kawza li giet ceduta. L-effett tac-cessjoni, fil-grad ta’ appell, huwa l-abbandun tal-appell bil-konsegwenza ulterjuri li s-sentenza li minnha jkun sar l-appell, jghaddi in gudikat.

9. Evidentement, bin-nota pprezentata mill-konvenuti appellanti fl-20 ta’ Jannar 2017, huma rrinunzjaw bla rizerva ghall-atti ta’ dan l-appell. Sussegwentement bir-rikors taghhom tal-1 ta’ Frar 2017, il-konvenuti jridu li minkejja r-rinunzja ghall-atti tal-istess appell li saret bin-nota taghhom tal-20 ta’ Jannar 2017, l-appell jitkompla abbazi tad-dikjarazzjoni taghhom li qeghdin jirtiraw u jirrinunzjaw ghall-imsemmija nota ta’ cessjoni.

10. Il-konvenuti mhux qed isostnu li din in-nota ma gietx prezentata validament, izda jghidu biss li issa l-pozizzjoni taghhom inbidlet u jridu jissoktaw bl-appell - haga li qabel ma setghux jaghmluha minhabba ragunijiet finanzjarji. Infatti, il-konvenuti hallsu l-garanzija ghall-ispejjez tal-appell qabel ipprezentaw ir-rikors taghhom, u jirrizulta mill-atti illi l-appell gie debitament kawtelat fil-31 ta’ Jannar 2017. L-atturi, naturalment, qed jopponu bil-qawwa ghar-rikors biex tigi rtirata c-cessjoni.

11. Illi l-punt li ghandu jigi trattat f’dan l-istadju huwa li ladarba n-nota ta’ cessjoni giet ipprezentata fl-atti, tistax din sussegwentement tigi rtirata minhabba tibdil fic-cirkostanzi u kwindi jekk in-nota hijiex retrattabbli jew revokabbli mill-parti li minnha tkun giet ipprezentata. Qabel xejn pero’ irid jigi stabbilit jekk l-effetti tac-cessjoni jsehhux immedjatament mal-prezentata tan-nota, kif jaghtu x’jifhmu d-

dispozizzjonijiet tal-Artikolu 907(1) u l-Artikolu 963(6), jew jekk hemmx dilazzjoni fl-effetti tac-cessjoni.

12. Id-determinazzjoni tal-effett immedjat o meno tal-abbandun tal-procediment tincidi direttament fuq il-kwestjoni tar-rinunzjabbilita` o meno tan-nota ta' cessjoni tal-atti li tkun diga` giet prezentata, ghaliex jekk il-procediment huwa meqjus li jispicca kif appena tigi pprezentata n-nota ta' cessjoni, dak l-effett ma jistax sussegwentement jithassar jew jigi revokat, lanqas jekk ic-cedent jirrinunzja ghan-nota ta' cessjoni li jkun diga` pprezenta, kif iridu jaghmlu l-konvenuti f'dan il-kaz. Mad-daqqa t'ghajn ma hemm xejn fil-ligi li tghid li l-abbandun tal-procediment, una volta li tkun giet ipprezentata n-nota kontemplata fl-Artikolu 906, ma jsehhx immedjatament.

13. Din il-Qorti tqis illi ghandha ssir distinzjoni bejn nota ta' cessjoni tal-atti li ssir waqt is-smiegh tal-kawza u nota ta' cessjoni ta' kawza li tigi pprezentata fir-registru tal-Qorti fil-mori tas-smiegh. Fil-kaz ta' nota li tigi pprezentata quddiem il-qorti waqt is-smiegh tal-kawza, hemm konkorrenza ta' (i) l-att bil-miktub li jigi pprezentat, (ii) il-presenza quddiem il-Qorti tal-parti jew l-avukat taghha kif ukoll, u iktar sinjifikanti minn hekk, (iii) il-qari *ad validitatem* tal-istess nota. Hija biss l-assjem ta' dawn l-elementi li jista' jwassal finalment ghall-pronunzjament tal-gudikant dwar id-determinazzjoni tal-kawza.

14. F’kaz ta’ nota ta’ cessjoni pprezenta fir-registru tal-qorti, il-pronunzjament tal-qorti dwar id-destin tal-kawza tista’ ssir biss sussegwentement ghall-prezentata tan-nota, meta tasal id-data tal-udjenza li jmiss fil-kawza. Hemmhekk biss tista’ l-qorti tiddikjara c-cessjoni tal-kawza, jew fil-grad ta’ appell, l-abbandun tal-appell.

15. Mizmum ferm il-premess, din il-Qorti tqis illi l-konkorrenza tan-nota skritta tac-cessjoni u s-smiegh tal-kawza quddiem il-qorti, hija indispensabbli f’kull kaz, sew ghall-konvalidazzjoni tal-volonta` tal-parti li tirrinunzja ghall-atti, sewwa sew ghall-ghoti tal-pronunzjament mill-qorti dwar id-destin tal-kawza. Minn dan isegwi wkoll illi l-effetti decizivi tac-cessjoni ta’ kawza a tenur tal-Artikolu 907(1) u 963(6) ma jsehhux minghajr l-intervent tal-qorti fic-cessjoni.

16. Ferm il-premess, il-Qorti tqis illi f’dan il-kaz ga ladarba s-smiegh tal-kawza wara l-prezentata tan-nota ta’ cessjoni kienet ghadha ma saritx, u kwindi ma kienx hemm pronunzjament tac-cessjoni, il-procediment tal-appell ma jistax jigi meqjus li gie estint jew abbandunat b’effett biss tal-prezentata tan-nota ta’ cessjoni tal-20 ta’ Jannar 2017. Konswegentement, bil-prezentata tar-rikors sussegwenti mill-konvenuti, ma tinqala’ ebda kwistjoni ta’ ripristinament tal-proceduri ghaliex dawn

kienu ghadhom ma gewx estinti b'effett tal-prezentata tan-nota ta' cessjoni.

17. Dan kien appuntu l-hsieb tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**[2] li, in materja tal-effetti tan-nota ta' cessjoni, din il-Qorti tikkondividi pjenament:-

> "Illi huwa minnu li n-Nota ta' Ċessjoni tista' titqies bħala att irriversibbli, imma ma jsirx b'daqshekk l-att li jtemm l-azzjoni, bħalma l-att ta' ammissjoni tal-parti mħarrka ma jtemmx il-kawża. Il-Qorti hija tal-fehma li l-waqt effettiv taċ-ċessjoni tal-kawża huwa meta l-Qorti tippronunċjaha. Li kieku l-kawża tieqaf meta titressaq in-Nota (ta' ċessjoni) fir-Reġistru, is-smigħ li jsir wara mill-Qorti biex fih isir il-qari tan-Nota u l-Qorti tieqaf milli tisma' l-kawża, ma jkollu l-ebda siwi, anzi, għall-kuntrarju, jkun fieragħ. Dan jingħad għaliex din il-Qorti tifhem li ċ-ċessjoni jew rinunzja tal-parti attriċi għall-atti hija, tassew, il-pass determinanti li jixhed ir-rieda jew volonta' tal-parti rinunzjanti (minkejja l-qbil jew in-nuqqas ta' qbil tal-parti l-oħra), imma ma tiħux post id-determinazzjoni tal-vertenza li l-liġi tqiegħed biss fis-setgħa u l-funzjoni tal-ġudikant ladarba l-kawża tkun tressqet quddiemu. Fi kliem ieħor, iċ-ċessjoni toħloq kważi-kuntratt ġudizzjarju bejn il-partijiet f'kawża, li l-formalizżżazzjoni tiegħu jiġi sanzjonat biss meta l-ġudikant jipprovdi l-għarfien tiegħu bil-pronunżjament jew degriet li jiddikjara l-kawża mitmuma;".

18. Ikkonsidrat ghalhekk l-effett mhux immedjat tan-nota ta' cessjoni pprezentata mill-konvenuti f'dan il-kaz, il-Qorti ser tghaddi biex tqis il-kwistjoni tar-revokabbilita` o meno tar-rinunzja ghall-atti jew fi kliem iehor, jekk dik l-istess nota, una volta pprezenta fl-atti tal-kawza, tistax tigi rtirata mill-konvenuti.

---

[2] Moghtija fit-28 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Gurisdizzjoni Kostituzzjonali] fl-atti tar-Referenza tat-30 ta' Mejju 2003.

19. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-att tar-rinunzja jew cessjoni tal-kawza jibqa' dejjem att unilaterali disponibbli lill-parti li tkun bdiet il-procediment, liema att ma jiddependix, jekk ikun sar minghajr ebda kondizzjoni, mill-accettazzjoni o meno tal-parti l-ohra fil-kawza. Kwindi hija fakolattiva ghal dik il-parti li tkun bdiet il-procediment, li sussegwentement tirrinunzja ghalih. Naturalment, din il-fakolta` tal-parti cedenti li tirtira mir-rinunzja diga` maghmula, tista' tigi kontemplata biss jekk il-fakolta` ghar-revoka tar-rinunzja tkun ghadha disponibbli u kwindi bhala eccezzjoni ghar-regola li l-att ta' cessjoni ma hijiex rinunzjabbli.

20. Din il-Qorti tqis illi jekk il-fakolta` ta' rinunzja ghan-nota ta' cessjoni tal-atti tkun ghadha disponibbli, fis-sens illi l-att tar-rinunzja ma jkunx ghadu gie perfezzjonat bil-prezentata tan-nota u s-smiegh tal-kawza, u bil-pronunzjament tal-qorti, u kwindi c-cessjoni ma tkunx ghadha hadet l-effett kontemplat mill-Ligi, jista' jigi rravvizat ipotezi ta' retrattabbilita` tan-nota ta' cessjoni. Izda dan jista' jsir biss eccezzjonalment wara li jigu ezaminati bir-reqqa c-cirkostanzi kollha tal-kaz sabiex jigi stabbilit li ma jkun qed jigi rekat ebda pregudizzju lin-naha l-ohra u fejn ikun fl-interess tal-ahjar amminstrazzjoni tal-gustizzja li dan isir.

21. F'dan il-kaz tal-lum, jigi osservat illi l-konvenuti pprezentaw in-nota ta' cessjoni fl-20 ta' Jannar 2017 u r-rikors li ghamlu biex jirtiraw in-

nota ta' cessjoni u jkomplu bil-procediment tal-appell, gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fl-1 ta' Frar 2017, cioe` wara biss hdax-il gurnata. Ghalhekk fiz-zewg kazijiet l-atti gew ipprezentati qabel id-data tal-ewwel smiegh tal-appell. Jigi osservat illi l-appell kien ghadu qed jidher fuq il-lista tal-kawzi appuntati ghas-smiegh ghall-14 ta' Frar 2017 ghaliex kien biss waqt dik is-seduta li n-nota ta' cessjoni setghet tingieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti biex l-appell jithassar minn fuq il-lista tal-kawzi, u kien biss f'dak l-istadju li seta' ghalhekk jinghata effett lin-nota ta' cessjoni tal-konvenuti.

22. F'dan il-kaz jidher ukoll illi r-raguni li wassal lill-konvenuti li jcedu l-atti tal-appell taghhom ma baqghetx tissussisti fil-mori tad-data ghall-ewwel smiegh tal-appell. Meqjusa wahedha, ir-raguni moghtija espressament ghac-cessjoni ma tista' qatt tvarja l-effett finali tar-rinunzja ghall-atti. Izda r-raguni ghac-cessjoni tista' tkun relevanti ghall-fini ta' decizjoni jekk l-attur li jkun ceda l-atti tal-kawza jistax jerga' jaghmel kawza gdida fuq l-istess haga, bhal nghidu ahna meta c-cessjoni ssir stante transazzjoni f'liema kaz dik il-parti tkun prekluza milli terga' taghmel kawza fuq il-mertu li gie transatt minkejja d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 907(2)[3]. Tista' tkun relevanti wkoll bhala wahda mill-fatturi biex jigi determinat jekk ir-rinunzja ghall-atti tistax tigi revokata.

[3] **John Baptist Sammut v. Marina Ciarlo`**, deciza mill-Prim'Awla fit-12 ta' Jannar 2017.

23. Fil-kaz tal-lum, ir-raguni ghac-cessjoni hija wkoll relevanti biex jigi stabbilit jekk bir-rinunzja tal-konvenuti ghan-nota ta' cessjoni jistax jinghad li gie rrekat pregudizzju lill-atturi. Dan it-tibdil fic-cirkostanzi purament finanzjarji tal-konvenuti, liema tibdil wassal ghar-rikors taghhom tal-1 ta' Frar 2017, huwa evidenzjat bil-hlas tal-kawtela skont kif jirrizulta mir-ricevuta tad-depozitu relattiv li sar fil-31 ta' Jannar 2017. Dan il-hlas sar ukoll tempestivament skont il-Ligi u ghalhekk l-appell gie debitament kawtelat. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, huwa evidenti li kieku mhux ghall-pozizzjoni finanzjarja batuta taghhom fiz-zmien tal-appuntament tas-smiegh tal-appell, il-konvenuti ma kellhomx intenzjoni li ma jipprosegwux bl-appell taghhom. Tant hu hekk illi kif appena kisbu l-fondi necessarji, il-konvenuti ghamlu l-garanzija ghall-hlas tal-ispejjez tal-appell minghajr ebda konsegwenza la ghalihom u lanqas ghall-atturi.

24. B'referenza ghas-sentenza fuq citata **HSBC Bank (Malta) plc v. Teg Industries Limited et**, li sar accenn ghaliha mill-atturi fit-trattazzjoni tal-appell, il-Qorti tinnota li l-mertu ta' dik is-sentenza jittratta l-irrevokabbilita` ta' nota ta' riduzzjoni tal-ammont pretiz, ipprezentata waqt il-perkors tal-kawza, liema nota ma wasslitx ghall-istess effetti determinanti ta' rinunzja ghall-atti kollha. Ghalhekk, ma tqisx illi l-konsiderazzjonijiet rapportati f'dik is-sentenza jistghu jsibu riskontru f'dan il-kaz.

25. Peress li hawn qeghdin fil-grad ta’ appell, fejn ma jifdal ebda jedd sostantiv f’kaz li s-sentenza tal-qorti tal-ewwel grad tghaddi in gudikat, u mizmumin ferm l-assjem tal-konsiderazzjonijiet kollha l-ohra fuq rapportati, f’dan il-kaz u fic-cirkostanzi partikolari, din il-Qorti tqis illi ghalkemm in-nota ta’ cessjoni tal-konvenut ma ghandhiex tigi sfilzata mill-process il-konvenuti ghandhom jithallew jirrrinunzjaw ghan-nota ta’ cessjoni kif mitluba minnhom.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mir-rikors tal-konvenuti appellanti billi tilqa’ l-istess u ma tqisx iktar in-nota ta’ cessjoni pprezentata minnhom fl-20 ta’ Jannar 2017. Tordna wkoll il-prosegwiment tal-appell fil-mertu. L-ispejjez ta dan l-episodju jbatuhom il-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb